MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Numru. 880/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**George Pace**

**Illum 15 ta’ Mejju 2012**

**Kaz Numru 880/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ **George Pace**, bin Joseph u Mary nee Borg, imwieled fit-3 ta’ Ottubru 1955, residenti 74, “Piccole Fiore”, Triq Wenzu Mintoff, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 55955G akkuzat talli ghan-nom u in

rapprezentanza ta’ Kercem Ajax Football Club-Kercem, u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, waqt spezzjoni ta’ sorpriza li sehhet fil-25 ta’ Novembru 2010 gewwa garaxx li jinsab fi Triq G. Borg Olivier – Victoria – Ghawdex, huwa jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, provda jew offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn *cash register* fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax –il Skeda ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta’ l-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o) u 82 ta’ l-istess Att.

Rat id-dokument esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli indikati.

Ikkunsidrat

Illi, mill provi mismugha, jirrizula li fil-25 ta’ Novembru 2010, l-imputat kien ghadu rregistrat mad-Dipartiment tal-VAT (Dok. “ED 2”). Minkejja li jinghad li f’Novembru 2010 l-imputat ma kellu l-ebda rwol ma’ Kercem Ajax Football Club, pero’ ma jirrizultax li l-imputat ha xi passi biex jigi *de registered* mad-dipartiment tal-VAT. Mill-provi mismugha jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 51, 77(o) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u dan wara li rrizula li l-imputat baqa’ responsabbli ghal fini ta’ taxxa fuq il-valur mizjud fil-25 ta’ Novembru 2010, u fic-cirkostanzi partikolari taghzel li timponi fuq l-imputat multa minima, cioé dik ta’ sebgha mitt Euro (€ 700.00)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------